

Brussell, 21 ta' Frar 2025
(OR. en)

6361/25

COMPET 78
BETREG 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Tħejija tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tas-6 ta' Marzu 2025</i> Diskussjoni dwar il-Pakketti ta' Simplifikazzjoni Omnibus <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' informazzjoni tal-Presidenza dwar il-Pakketti ta' Simplifikazzjoni Omnibus bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tas-6 ta' Marzu 2025.

DOKUMENT TA' DISKUSSIONI

Laqgħa tal-Kunsill Kompetittività

Brussell, 6 ta' Marzu 2025

Diskussjoni dwar il-Pakketti ta' Simplifikazzjoni Omnibus

L-aħħar snin ġabu ħafna żidiet fil-qafas regolatorju tal-Unjoni Ewropea. L-għadd totali ta' regolamenti jirrappreżenta piżijiet sinifikanti għall-kumpaniji Ewropej. Dawn qed ibatu bil-piż tal-kumplessità regolatorja u jridu jittrattaw obbligi jew restrizzjonijiet ġodda. Dawn il-fatturi jinfluwenzaw b'mod negattiv il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej vis-à-vis kumpaniji minn pajjiżi terzi, li ma jiffaċċawx l-istess livell ta' skrutinju regolatorju bħalma jiffaċċaw kumpaniji Ewropej.

Il-Boxxla għall-Kompetittività li ġiet ippubblikata dan l-aħħar ġustament tindika li "l-piż regolatorju sar ostaklu għall-kompetittività tal-Ewropa"¹. Fid-dawl tal-isfidi dejjem jikbru għall-kompetittività tal-Ewropa, hemm **ħtieġa urġenti li jsiru sforzi ta' simplifikazzjoni b'determinazzjoni akbar minn qatt qabel.**

Il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippubblika serje ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni biex tindirizza din il-kwistjoni, fosthom pakketti Omnibus li jkopru simplifikazzjonijiet estensivi foqsmi ta' politika speċifiċi. Skont il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025, għandu jiġi ppreżentat sett ta' pakketti omnibus fl-2025 bir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, id-diliġenza dovuta għas-sostenibbiltà u t-tassonomija indirizzati fl-ewwel Omnibus u – fit-tieni wieħed – is-simplifikazzjoni tal-investment. It-tielet pakkett Omnibus ser jiffoka, fost affarijiet oħra, fuq kumpaniji zġħar b'kapitalizzazzjoni medja u t-tneħħija tar-rekwiżiti ta' leġiżlazzjoni stampata dwar il-prodotti.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku Soċjali u Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Boxxla għall-kompetittività tal-UE, p. 16.

Barra minn hekk, aktar sforzi ta' simplifikazzjoni fl-2025 ser jiffokaw, fost oqsma oħra, fuq reviżjoni tal-*acquis* diġitali u fuq simplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni², il-Kummissjoni stiednet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "jikkunsidraw li jħaffu dawn il-fajls, filwaqt li jaġixxu fuq il-proposti ta' simplifikazzjoni mingħajr ma jerġgħu jiftħu partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni, biex jipprovdu l-aħjar ċarezza u għajjnuna lill-kumpaniji mill-aktar fis possibbli."

Il-Presidenza Pollakka ħadet passi, bi qbil mas-sħab mit-Triju ta' Presidenzi, biex torganizza l-proċess fil-Kunsill b'mod li jiffaċilita s-superviżjoni politika mill-Kunsill Ewropew. Dan jinvolvi l-koordinazzjoni effiċjenti tal-ħidma relatata mal-fajls leġiżlattivi fil-kompetenza tal-formazzjonijiet rilevanti differenti tal-Kunsill taħt il-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Il-Kunsill Kompetittività li jlaqqa' lill-ministri li jaħdmu mill-qrib mal-komunità tan-negozju u li jirrappreżenta perspettiva komprensiva tas-Suq Uniku, jaqdi rwol ewlieni fl-appoġġ u l-kontribut għal dan il-proċess, peress li jinsab f'pożizzjoni unika biex jirrikonoxxi u jindirizza l-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-intraprendituri. Il-Kunsill Kompetittività għandu jissorvelja l-isforzi ta' simplifikazzjoni, inkluż dawk relatati mal-pakketti Omnibus sabiex jindirizzaw l-isfidi t-tajba u r-riżultati tagħhom iwasslu għal solliet tanġibbli għall-komunità tan-negozju.

Ħafna mill-inizjattivi ta' simplifikazzjoni msemmija hawn fuq ser jiffukaw b'mod partikolari fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għall-SMEs. Hemm tħassib fost l-intraprendituri li l-għadd kbir ta' rekwiżiti ta' rapportar (eż. punti ta' data), flimkien ma' spinta mill-awdituri għal konformità massima jistgħu jkunu ta' piż mhux intenzjonat fuq l-SMEs fil-katina tal-valur waqt li ma jkunux direttament fil-mira tal-obbligu ta' rapportar. Peress li l-kumpaniji l-kbar, li jridu jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti, huma naturalment sħab fin-negozju ewlenin għall-SMEs, il-ħtieġa li jiġu pprovvuti ammonti dejjem akbar ta' informazzjoni ser issir parti inerenti fit-tweqqif tan-negozju. Dan huwa partikolarment evidenti meta kumpaniji kbar jużaw obbligi kuntrattwali biex iqiegħdu rekwiżiti sproporzjonati fuq l-SMEs minħabba d-daqs u l-kapaċitajiet tan-negozji tagħhom. B'riżultat ta' dan, l-isforzi ta' simplifikazzjoni għad jiffukaw fuq l-indirizzar tal-effetti sekondarji potenzjali ta' diversi rekwiżiti ta' rapportar għal kumpaniji akbar.

² Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, pp. 6-7.

Barra minn hekk, il-ħtieġa għas-simplifikazzjoni hija evidenti f'oqsma oħra tal-*acquis* tal-UE, għajr dawk li ġew innutati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni, u jeħtieġ li l-ħidma ambizzjuża mħabbra mill-Kummissjoni tkompli tindirizzahom. L-enfasi fuq l-SMEs hija partikolarment importanti f'dan ir-rigward, peress li l-periklu tal-effetti sekondarji u t-tqegħid ta' piżijiet mhux intenzjonati jistgħu jkunu evidenti mhux biss fir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, iżda wkoll f'rekwiżiti oħra ta' rapportar u dawk regolatorji. Għalhekk, prijorità ewlenija għandha tkun li jinħoloq qafas legali dejjiemi u orjentat lejn it-tkabbir għal dawn il-kumpaniji, biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jespandu u jkomplu jikbru fl-Ewropa.

Il-ħidma fuq l-ewwel pakketti ta' simplifikazzjoni Omnibus u dawk sussegwenti hija kruċjali, peress li ser tistabbilixxi l-pjan ta' azzjoni għall-firxa wiesgħa ta' sforzi ta' simplifikazzjoni mħabbra mill-Kummissjoni. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi pproċessat malajr u b'mod iffukat.

Dawn il-pakketti inizjali ser iservu bħala punt ta' riferiment għal kif jiġu avviciinati u implimentati flussi ta' ħidma ta' simplifikazzjoni futuri. Irridu niddiskutu liema oqsma ta' politika għandhom jiġu indirizzati permezz ta' pakketti Omnibus futuri.

Mistoqsijiet għad-diskussjoni

1. Bil-ħsieb ta' leħen il-komunitajiet tan-negozju fl-Istati Membri u, b'mod partikolari, il-piżijiet fuq l-SMEs, liema oqsma oħra fl-*acquis* tal-UE minbarra dawk diġà koperti mill-omnibuses imħabbra jeħtieġu miżuri urġenti ta' simplifikazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tagħna?
2. Kif nistgħu niżguraw li l-"metodu Omnibus" iwassal għal ftehim rapidu u simplifikazzjoni fil-prattika? X'miżuri ulterjuri jistgħu jittieħdu mill-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiżguraw li l-miżuri ta' simplifikazzjoni jingħataw prijorità?